MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 14/2010

**Joseph Rapa**

**Vs**

**William Cutajar li b'digriet tad-9 ta' Gunju 2010 gie nominat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Francesca Rapa**

Din hi kawza ta' separazzjoni. Jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu gewwa Vale of Glamorgan, Wales fis-7 ta' Mejju 1999[1].

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2010 gie verbalizzat:-

---

[1] Mhux kif dikjarat fir-rikors guramentat 6 ta' Lulju 1997.

*“Il-partijiet jiddikjaraw li qeghdin jaqblu li l-qorti tiddikjara l-firda personali bejniethom stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbli kif ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata u m’hemmx gid x’jinqasam, inoltre m’ghandux jithallas xi manteniment u ma jirtux lil xulxin. Hemm qbil li jigi pprezentat ic-certifikat taz-zwieg qabel il-qorti tghaddi ghas-sentenza”*.

Fis-seduta tal-lum il-konvenut nomina pprezenta kopja tac-certifikat taz-zwieg.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti, minhabba li z-zwieg taghhom tkisser b’mod irrimedjabbli.**
**2. Tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti, b’dan li ma jirrizultax li hemm xi gid li jrid jinqasam.**
**3. Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront ta’ kull wahda mill-partijiet.**

**Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------